# Il-Ħadd 27.05.2018

1. Illum 27/05, **it-Trinità *u Jum l-Ewwel Tqarbina***:
   - Fid-8:45am it-tfal tal-Preċett jinġabru l-MUSEUM tas-subien fejn jitteħdulhom xi ritratti u mbagħad jimxu purċissjoni lejn il-knisja.
   - Fl-10:00am tibda l-Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina.
     Nifirħu u nitolbu għat-tfal li ser jirċievu dan is-Sagrament: 16 subien u 9 bniet.
     Nappellaw biex kulmin hu involut ikun f'postu minn tal-anqas kwarta qabel.

2. Mit-Tlieta 29/05 sal-Ħamis 31/05:
   - L-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun **magħluq filgħodu** minħabba li bħala saċerdoti fid-dmir li nkunu preżenti għall-Kors ta' Aġġornament tal-Kleru li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.

3. Il-Ħamis 31/05:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fil-bitħa tal-Museum tal-Subien għall-ġenituri u t-tfal (subien u bniet) li jattendu d-duttrina u li fiha nagħmlu l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. It-tfal tal-Ewwel Tqarbina jingħataw tifkira tal-Preċett u domna tal-Madonna. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali.)*

4. Il-Ġimgħa 01/06, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

5. Is-Sibt 2/06:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.

6. Il-Ħadd 3/06, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:
   - Fil-5:00pm – Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm – Quddiesa solenni ċċelebrata minn Mons. Vincent Cachia,
     ex-amministratur ta' din il-parroċċa (2005-06),
     bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda
     u animata mill-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-7:00pm – Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, li tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

7. Avviżi oħra:
   - Għad fadal xi postijiet għall-Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 09/07 u l-Ġimgħa 13/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 55 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
     Grazzi.